

32006L0076

23.9.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 263/9

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2006/76/KE**tat-22 ta' Settembru 2006****li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward ta' l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva chlorothalonil****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jħarsu l-pjanti ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tieni inċiż tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

- (1) Wara reviżjoni li fiha l-Olanda operat bħala Stat Membru Rapporteur, id-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/53/KE ⁽²⁾ żiedet is-sustanza attiva *chlorothalonil* ma' l-Anness tad-Direttiva 91/414/KEE. Id-Direttiva 2005/53/KE tipprovdi għal-livelli massimi għal ċerti impuritajiet. Wara l-prassi normali tal-Kummissjoni, dawn il-livelli ġew ibbażati fuq speċifikazzjonijiet mfassla mill-Organizzazzjoni ta' l-Ikel u l-Agricoltura (FAO) tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-purità u l-livelli ta' impuritajiet li jinsabu f'sustanzi attivi, u b'mod partikolari fuq pubblikazzjoni ta' Frar 2005. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet jistipulaw livell massimu għall-*hexachlorobenzene* ta' 0,01 g/kg ta' sustanza attiva. Madankollu, il-FAO ħarġet sett ulterjuri ta' speċifikazzjonijiet għall-*chlorothalonil* ⁽³⁾, li sar disponibbli f'Diċembru 2005, wara l-adozzjoni tad-Direttiva 2005/53/KE. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet iffinalizzaw u rrevokaw formalment l-ispeċifikazzjonijiet ta' Frar 2005 li ttieħdu f'konsiderazzjoni meta din id-Direttiva ġiet adottata. L-ispeċifikazzjonijiet il-ġodda jstipulaw livell massimu għall-*hexachlorobenzene* ta' 0,04 g/kg ta' sustanza attiva.
- (2) Għalkemm il-Komunità hija intitolata li tistipula l-livell tagħha ta' ħarsien pubbliku, ħarsien ta' l-annimali u ta' l-ambjent, ġie eżaminat jekk il-livelli ta' prijorità stipulati mid-Direttiva 2005/53/KE jistgħux jiġu aġġustati biex jirriflettu l-ispeċifikazzjonijiet ġodda tal-FAO.
- (3) Wara li wettqet valutazzjoni tossikoloġika u ekotossikoloġika *ad hoc*, l-Olanda wasslet għall-konklużjoni li tali modifikazzjoni ma toħloqx riskji oħra ma' daww li diġà tqiesu meta l-*chlorothalonil* żdied ma' l-Anness I għad-Direttiva

91/414/KEE. Din il-konklużjoni ġiet ikkomunikata lill-Istati Membri l-oħra, li qablu. Fid-dawl ta' din il-konklużjoni, u taċ-ċirkostanzi speċjali ta' dan il-każ, il-Kummissjoni tikkonsidra li huwa ġġustifikat li l-ispeċifikazzjoni għall-*chlorothalonil* tiġi mmodifikata.

- (4) Ladarba d-Direttiva 2005/53/KE teħtieġ li mill-1 ta' Settembru 2006 l-Istati Membri japplikaw l-Artikolu 2 tagħha, l-ispeċifikazzjoni emendata għall-*chlorothalonil* għandha tapplika wkoll minn din id-data, mingħajr ħsara għall-iskadenzi l-oħra stipulati mill-Artikolu 3 tad-Direttiva 2005/53/KE. Għaldaqstant, din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ kemm jista' jkun malajr.
- (5) Huwa għalhekk xieraq li tkun emendata d-Direttiva 91/414/KE.
- (6) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard mill-31 ta' Awissu ta' l-2006, il-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jiġu f'konformità ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni it-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u t-tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw tali dispożizzjonijiet mill-1 ta' Settembru 2006.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha issir tali referenza.

⁽¹⁾ ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar emendata bid-Direttiva 2006/75/EC (ĠU L 248, 12.9.2006, p. 3).

⁽²⁾ ĠU L 241, 17.9.2005, p. 51.

⁽³⁾ Speċifikazzjonijiet u evalwazzjonijiet għall-Pestiċidi Agrikoli tal-FAO — *Chlorothalonil* (*Tetrachloroisophthalonitrile*) (Diċembru 2005).

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 22 ta' Settembru 2006.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

Fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE, ir-ringiela 102 hija mibdula b'dan li ġej:

Nru	Isem Komuni, Numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità ⁽¹⁾	Id-dħul fis-seħħ	Skadenza ta' l-inklużjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
"102	Chlorothalonil Nru CAS 1897-45-6 Nru CIPAC 288	Tetrachloroisophthalonitrile	985 g/kg — <i>Hexachlorobenzene</i> : Mhux iktar minn 0.04g/kg — <i>Decachlorobiphenyl</i> : Mhux iktar minn 0.03g/kg	1 ta' Marzu 2006	it-28 ta' Frar 2016	PARTI A L-użi bħala funġiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi ta' l-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-chlorothalonil, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Animal nhar il-15 ta' Frar 2005 iridu jitqiesu. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien ta': — l-organiżmi akkwatiċi. — l-ilma ta' taħt l-art, b'mod partikolari fir-rigward tas-sustanza attiva u l-metaboliti tagħha R417888 u R611965 (SDS46851), meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'kundizzjonijiet vulnerabbli tal-ħamrija u/jew il-klima. Il-kondizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq."

⁽¹⁾ Aktar dettalji dwar identità u speċifikazzjoni tas-sustanza attiva huma pprovduti fir-rapport tar-reviżjoni.